**16 ta' Novembru, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M. LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria Azzopardi

*versus*

Lewis Zammit

**Liċitazzjoni — Diviżjoni — Art. 542, 538 u 539 tal Kodiċi Ċivili.**

*Tant il-liċitazzjoni kemm id-diviżjoni huma modi ta' ċessazzjoni tal-komunjoni; u għalhekk, kif talba għad-diviżjoni tista' tiġi provvduta billi tiġi ordnata l-liċitazzjoni, hekk ukoll talba għall-liċitazzjoni tista' tiġi provvduta billi tiġi ordnata d-diviżjoni in natura.*

*Mill-qasma jeħtieġ li titnissel ripartizzjoni ugwali anki tal-vantaġġi li l-fond kien jipprokura lill-komproprjetarji fl-istat li kien qabel ma saret it-talba għad-diviżjoni tiegħu; u għalhekk, jekk il-fond kien joffri l-vantaġġ tal-abitabbilità, hu ġust u ekwu illi l-qasma ssir b'mod li l-kondividenti kollha jieħdu parti abitabbli, u mhux jeħodha wieħed biss; u l-insistenza ta' wieħed mill-komproprijetarji li jieħu parti abitabbli mhix imperniata fuq element subbjettiv u aċċidentali, imma fuq fattur insitu "ab origine" fix-xorta tal-fond. U dan anki jekk il-qasma b'dan il-mod tinvolvi ekwiparazzjoni bi flus, sakemm din ma tkunx eżaġerata u sproporzjonata fil-fattispeċje tal-każ, u meta f'dawn il-fattispeċje jkun hemm riflessi li jissuperaw il-konsiderazzjoni li l-ekwiparazzjoni tista' tammonta għal vendita forzata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-partijiet jippossjedu, kwantu għal tliet kwarti l-instanti u kwantu għal kwart il-konvenut, l-utili dominju perpetwu tad-dar il-Qrendi, Curate Mizzi Street numru 5, suġġetta għaċ-ċens perpetwu ta' 17s.8d. fis-sena, u libera u franka minn kwalunkwe dritt ieħor; u illi l-imsemmija dar mhix komodament diviżibbli u mingħajr diskapitu; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni talbet li tiġi ordnata l-vendita in liċitazzjoni tal-imsemmija dar numru 5 Curate Mizzi Street, Qrendi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1962, li biha pprovdiet fuq id-domandi attriċi għat-terminazzjoni tal-istat ta' komunjoni bejnha u bejn il-konvenut tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni billi ordnat il-qasma tiegħu in natura bejn l-istess kontendenti permezz ta' assenjazzjoni, billi lill-konvenut tiġi assenjata l-parti tiegħu konsistenti fil-kmamar "A" u "B" tal-pjan terren indikati fil-pjanta fol. 17 tal-proċess, billi l-istess jiġu segregati mill-kumplament tal-fond bil-blukkar tal-aperturi li jikkommunikaw-hom miegħu salv li fil-kamra "B" titħalla apertura, parti mit-tieqa li hemm, fuq il-bitħa "F" fl-istess pjanta għal skop ta' ventilazjoni u dawl tal-iżgħar estensjoni permessa mill-awtorità kompetenti, billi jinfetaħ bieb bejn iż-żewġ kmamar "A" u "B" u t-tieqa fil-kamra "A" tiġi konvertita f'bieb għat-triq, kif indikat, dwar l-istess blukkar, kommunikar u tiċrit ta' tieqa, fil-perizja tal-perit Salvino Privitera, nominat biex jiddiriġi dan ix-xogħol ta' segregazzjoni; il-parti hekk assenjata lill-konvenut tkun suġġetta għaċ-ċens ta' 3s. fis-sena; lill-attriċi tiġi assenjata l-parti tal-fond li tibqa' wara s-segregazzjoni tal-parti assenjabbli lill-konvenut, u tkun suġġetta din il-parti għaċ-ċens ta' 14s.8d. fis-sena. Il-pjanta riferita u l-parti tal-perizja riferita għandhom jitqiesu parti ntegrali ta' din is-sentenza. Innominat lin-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella biex jirċievi l-att ta' qasma, li għandu jiġi publikat fl-24 ta' Lulju 1962 fl-10 a.m., f'waħda mill-awli tal-Qrati Superjuri, bl-intervent tal-Avukat Dr. Michael Refalo biex jirrappre-

żenta l-kontumaċi fuq l-istess att. L-ispejjeż attwalment rikjesti għax-xogħolijiet biex issir il-qasma (indipendentement mill-istima preventiva fil-perizja ċitata) u tad-direzzjoni relattiva, li fuqhom tirriżerva li tagħti kull provvediment li jkun meħtieġ fuq talba ta' waħda mil-partijiet jew tal-perit inkarigat, kif ukoll dawk tal-kawża u tal-att ordnat, jitħallsu tliet kwarti mill-attriċi u kwart mill-konvenut. Billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kwantu għan-natura tal-azzjoni promossa mill-attriċi, din għandha titqies, kif hi, bħala waħda diretta biex jitneħħa l-istat ta' komunjoni eżistenti bejn il-kontendenti dwar il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għalkemm l-attriċi qegħdha biss titlob il-liċitazzjoni tal-istess fond, li hi tgħid li mhux diviżibbli komodament u bla skapitu, b'mod li wiehed jista' jkun indott jgħid li, jekk jirriżulta li l-fond hu hekk diviżibbli, allura l-attriċi mhix qegħdha titlob li d-diviżjoni ssir in natura. Il-Qorti qegħda tikkunsidra hekk l-azzjoni mhux biss minħabba l-atteġġjament tal-kontendenti matul il-kawża, li ddiskutew u wrew li jridu jaqsmu l-fond in natura jekk dan jista' jsir skond il-liġi, iżda wkoll għaliex il-liċitazzjoni hi mod ta' terminazzjoni tal-komunjoni, u per sè, għalhekk. domanda għaliha tinvolvi domanda għal din it-terminazzjoni b'qasma in natura tal-ħaġa komuni. Il-movent u kawżali taż-żewġ modi ta' terminazzjoni tal-komunjoni hu dejjem l-istess, u ċjoè d-dritt tal-konsorti li jittermina dan l-istat; u dan irid isir bil-forma li trid il-liġi, fis-sens li l-liċitazzjoni tiġi ordnata biss, jew meta jaqblu l-konsorti kollha, li jridu jkunu kapaċi, jew meta l-qasma ma tistgħax issir in natura;

Illi. kwantu għall-prinċipji li jirregolaw materja simili, għandu jingħad li l-liġi tirrikonoxxi lil kull komproprijetarju li jieħu sehmu in natura (art. 539 tal-Kodiċi Ċivili) purkè dan jista' jsir "bla xkiel u mingħajr ħsara" (art. 538(2) ibid.), u billi kemm jista' jkun jiġi evitat li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet, u jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantità ta' ħwejjeġ tal-istess xorta u tal-istess valur (art. 541), u kull differenza fid-daqs tal-istima in natura titpatta bi flus (art. 542);

Illi għalkemm dawn il-prinċipji jridu jiġu applikati

f'kull każ, il-fattispeċje ta' kull każ huma, bħala massima, tant differenti minn dawk tal-każi l-oħra, li huwa diffiċli li jiġu stabbiliti regoli ġenerali li japplikaw għall-każi speċifiċi kollha; b'mod li kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji (ara f'dan is-sens Laurent, Vol. XXIV, paġ. 345, para. 459, li jsemmi lil Duvergier);

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ preżenti l-perit ġudizzjarju fl-ewwel lok, u l-periti addizzjonali fit-tieni lok, qalu li l-fond hu diviżibbli fil-kwoti li hu possedut bejn il-kontendenti, mentri l-attriċi, li tikkritika l-pjan propost mill-istess periti, issuġġeriet hi stess pjan ta' qasma (fol. 75 wara, isfel), u fuqu għamlet domandi lill-periti (fol. 101). u għamlitilhom ukoll domandi fuq pjan ieħor ta' qasma (fol. 101). Il-konvenut jaqbel mal-pjan suġġerit mill-periti (xhieda tiegħu a fol. 22);

Illi mill-premess, u mill-eżami tal-pjanta tal-fond u osservazzjonijiet li saru fir-rigward, jista' jingħad li l-fond jippermetti diviżjoni kommoda fis-sens tal-liġi, billi x-xogħol li jrid jsir għall-qasma huwa relattivament żgħir fl-entita u fis-siwi tiegħu, fil-limiti konsentiti mill-liġi fil-fattispeċje tal-każ; u dan jingħad sija għall-pjan tal-periti ġudizzjarji (li bih il-konvenut jieħu tliet kmamar mill-eżistenti, salv li waħda tiġi konvertita parti bitħa u parti ambjent għal loki u "anteroom"). u sija għall-pjan suġġerit mill-attriċi, li taħtu l-konvenut jieħu jew żewġ kmamar jew kamra waħda biss. Jingħad mill-ewwel. però, dwar l-aħħar pjan, li l-konvenut ikun jieħu tant ftit bini a paragun ta' sehmu, u kwindi l-ekwiparazzjoni tkun tant kbira, fil-konfront ta' dak li jieħu bini, li dan il-pjan (i.e. li l-konvenut jieħu kamra waħda biss) hu ta' min jiskartah mill-ewwel minn dan il-lat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-istess qasma taħt l-aspett ta' xkiel jew skapitu jew preġudizzju, jirriżulta, speċjalment mix-xhieda tal-periti addizzjonali li dan lanqas ma jeżisti għal ebda wieħed miż-żewġ pjani ta' qasma fuq riferiti (i.e. wara li ġie skartat dak li bih il-konvenut jieħu kamra waħda biss), tant illi huma qalu li ebda deprezza-

ment ma jkun hemm jekk jiġi likwidat il-valur taż-żewġ proprijetajiet wara l-qasma in relazzjoni mal-valur tal-fond sħieħ kif inhu l-lum; lanqas il-potenzjalità tal-fond dwar żvilupp tiegħu ma hija affettata;

Ikkunsidrat;

Illi taħt iċ-ċirkustanzi riferiti għad fadal biss li jiġi determinat liema miż-żewġ pjani ta' qasma għandu jiġi adottat, u ċjoè jew dak suġġerit fil-perizji (li bih il-konvenut jieħu tliet kmamar), jew dak suġġerit mill-attriċi stess (li bih il-konvenut jieħu żewġ kmamar). Din l-għażla trid issir a bażi tal-prinċipji stabbiliti mill-liġi, fuq enunċjati, li, kif jidher, jippermettu ċerta latitudini għal dawk il-każi fejn il-qasma ma tkunx tista' ssir b'mod li l-kwoti reali jkunu jikkorrispondu perfettament għall-kwoti ideali ta' komproprijetà;

Illi din il-korrispondenza ta' kwoti hija kważi perfetta fil-każ tal-pjan suġġerit mill-attriċi, peress li f'każ simili l-konvenut, li għandu sehem ideali jiswa £250, ikun qiegħed jieħu b'kemm jiswa £247.2.10, mentri skond il-pjan suġġerit fil-perizja, il-konvenut ikun qiegħed jieħu b'kemm jiswa £290, u kwindi jkollu jħallas £40 ekwiparazzjoni, f'lok jieħu dik ta' £2.17.2;

Illi kunsidrati ż-żewġ pjani taħt dan l-aspett biss il-konklużjoni naturali hija favur il-pjan suġġerit mill-attriċi a preferenza ta' dak suġġerit mill-periti. Jista' jiżdied li din il-konklużjoni hija suġġerita wkoll mir-risparm tal-ispiża li tinvolvi għall-qasma stess (egħluq u ftuħ ta' aperturi) u wara l-qasma (twaqqiegħ ta' bini dwar it-tielet kamra). Billi però hemm suġġeriment ta' natura teknika, il-Qorti tħoss li għandha tara jekk hemmx xi raġuni veramenti soda biex ma ssegwiehx, u minflok issegwi dak li jidher naturali lil bniedem profan;

Illi l-Qorti ssib din ir-raġuni fil-motiv li, skond l-istess periti addizzjonali, wassalhom biex jaqblu mal-pjan suġġerit ukoll mill-ewwel perit, u ċjoè huma riedu li anki l-konvenut ikun jista' juża l-parti tiegħu tal-fond għal skop ta' abitazzjoni; liema skop il-fond kollu l-lum qiegħed

iservi, u liema skop il-parti tal-attriċi tista' tkompli sservi; huma qalu li taw dan is-sens lill-kliem tal-liġi, fejn tgħid li l-qasma għandha ssir, fejn hu possibbli, in natura. Infatti, il-Qorti ma tistgħax taqbel għal kollox ma' din l-interpretazzjoni;

Illi l-Qorti taqbel li, fejn hu possibbli, fil-formazzjoni tal-kwoti dwar stabili, f'kull kwota għandha tidħol parti minn kull xorta ta' stabili (e.g. djar jew ħwienet); meta però, dan ma jistgħax isir jekk mhux bi ħlas ta' flus minn parti lill-oħra, il-prinċipju tan-natura tal-beni immobiljari għandu jipprevali fuq dak tal-kwalità ta' beni immobiljari, fil-formazzjoni tal-kwoti. Issa, fil-pjan propost mill-periti jiġi li, biex il-konvenut jieħu ċerta kwalità ta' beni immobiljari (i.e. fond ta' abitazzjoni flok store), l-attriċi jkollha in parti tieħu flus, u ċjoè ħaġa mhux ta' natura immobiljari. Taħt iċ-ċirkustanzi, għalhekk, il-Qorti tħoss li ma għandiex tadotta l-pjan suġġerit mill-perit, għax dan imur kontra l-prinċipju fondamentali minnhom invokat. Dan, però, qegħdha tagħmlu għaliex hemm possibbilità ta' qasma fejn l-ekwiparazzjoni ta' flus tista' tiġi evitata, bla skapitu tal-proprijetà stess (kif qalu l-istess periti), billi altrimenti hija kienet tkun disposta tadotta l-pjan ta' diviżjoni minnhom suġġerit, non ostante l-ħlas ta' flus bħala ekwiparazzjoni;

Rat fol. 115 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 116 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata dik il-parti li biha l-Ewwel Qorti wara li adottat il-pjan ta' qasma suġġerit mill-attriċi, assenjat lill-appellant iż-żewġ kmamar "A" u "B" indikati fil-pjanta a fol. 17, u fejn ġie ndikat ix-xogħol li għandu jsir sabiex issir is-segregazzjoni taż-żewġ porzjonijiet, u dik il-parti fejn ġiet assenjata lill-attriċi l-parti rimanenti tal-fond wara li jsiru dawk is-segregazzjonijiet, billi jiġi deċiż fis-sens li jiġi adottat il-pjan tal-qasma suġġerit mit-tliet periti nominati mill-Ewwel Qorti, u hekk jiġu assenjati lill-attriċi u lill-konvenut rispettivament il-porzjonijiet indikati fir-relazzjoni tagħhom, u fil-kumplament is-sentenza tiġi konfermata; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Verament l-istanza hi għal-liċitazzjoni, iżda, b'effett anki tal-kważi-kuntratt ġudizzjali, qegħdha tiġi trattata bħala istanza għad-diviżjoni. Il-każijiet fil-ġurisprudenza bħala regola, huma tal-ipotesi kuntrarja, ċjoè istanza għal diviżjoni provvduta b'liċitazzjoni għad li mhux mitluba. Iżda r-"ratio" hi l-istess, għax it-tnejn huma talba għaċ-ċessazzjoni tal-komunjoni, u l-liċitazzjoni hi mezz estrem li ma jiġix konċess meta hi possibbli d-diviżjoni (ara Kollez. Vol. XXXIII-I-342). Del resto, ġiet aċċettata fil-ġurisprudenza nostrali l-massima tad-Diġest Ruman "si convenerit inter litigatores quod pronuncietur, non abs re erit judicem hujus modi sententiam proferre";

Fil-meritu;

Il-kuntrast li fuqu hemm l-appell hu dan. L-Ewwel Onorabbli Qorti adottat il-pjan ta' qasma ta' dan il-fond suġġerit mill-attriċi. L-appellant isostni li dan il-pjan hu inaċċettabbli, għaliex b'effett tiegħu huwa ma jkunx jista' juża l-porzjoni lilu assenjata għall-abitazzjoni; u per konsegwenza hu qiegħed jinsisti li jiġi adottat il-pjan tal-qasma suġġerit mill-ewwel perit kif integrat mill-periti addizzjonali;

Ma hux in kwistjoni li tassew il-porzjoni assenjata lill-konvenut skond il-pjan minnu mpunjat ma tistgħax tintuża għall-abitazzjoni kif ma hux in kwistjoni li tkun tista' hekk tintuża kieku jiġi, nveċe, adottat il-pjan suġġerit mill-perizji. Lanqas hu kontestat li, tant taħt il-pjan impunjat, kemm ukoll taħt dak tal-perizji, il-porzjoni assenjata lill-attriċi tkun abitabbli;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ppreferiet il-pjan tal-attriċi, għaliex dehrilha li, peress li skond il-pjan tal-periti l-konvenut kien ikollu jħallas, u l-attriċi kien ikollha tirċievi, ekwiparazzjoni ta' £40, mentri skond il-pjan tal-attriċi, adottat fl-ewwel sentenza, l-ekwiparazzjoni kienet tkun biss ta' £2. 17. 2d. riċevibbli mill-konvenut, għalhekk kien

jiġi vjolat il-prinċipju li l-qasma għandha ssir, kemm hu possibbli, in natura, ċjoè, f'dan il-każ, porzjoni ta' stabili, u mhux flus; liema prinċipju tan-natura tal-beni (kompliet tirraġuna l-Ewwel Onorabbli Qorti) ma għandux jiġi sagrifikat għal dak tal-kwalità tal-beni;

Id-difensur tal-attriċi, fil-kors tal-argumenti, żied l-osservazzjoni li l-iskop ta' abitazzjoni, avanzat mill-konvenut, hu element subbjettiv u aċċidentali;

Din il-Qorti tirrileva li l-qasma hi ta' fond li, "ex admissis", hu dar tal-abitazzjoni. Bħala tali, il-fond "de quo" kien joffri, fl-istat tiegħu anteċedenti għall-qasma proposta, il-vantaġġi ta' dar tal-abitazzjoni. Issa, qalet sewwa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina in re "Meilak vs. Zahra Scicluna", 17 ta' Mejju 1947, illi jeħtieġ li mill-qasma titnissel ripartizzjoni ugwali anki tal-vantaġġi li l-ħaġa tkun tipprokura fl-istat tagħha qabel ma ssir id-diviżjoni; u appuntu l-fond "de quo" kellu inerenti fih il-kwalità tal-abitabbilità. Għalhekk hu ekwu li l-qasma ssir b'mod li ż-żewġ konsorti jieħdu porzjoni abitabbli, u mhux jeħodha wieħed minnhom biss. F'dan is-sens, l-insistenza tal-konvenut appellant mhijiex affattu mpernjata fuq element subbjettiv, kif argumenta d-difensur tal-appellata, imma fuq fattur insitu "ab origine" fix-xorta tal-fond "de quo". Fis-sentenza ċitata ġiet ukoll magħmula l-konsiderazzjoni li hu ġust li, f'każijiet simili, l-Qorti tqis ukoll fatturi oħra oltre l-kriterju tan-natura tal-beni u kienet semmiet l-iskarsezza attwali, fil-pajjiż, ta' abitazzjonijiet. Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha fuq appell minn dik is-sentenza (li ġiet riformata, però fuq punti oħra) semmiet ukoll riljev li kellha titqies anki l-iskarsezza tad-djar (Kollez. XXXIII-I-329). Għalhekk, anki minn dan il-punt di vista, ma għandux jiġi akkantonat il-fatt li l-konvenut (li jabita fil-fond intier) irid ikompli jabita fil-porzjoni lilu assenjanda (xhieda tiegħu fol. 22);

Ma jidhirx li l-ekwiparazzjoni ta' £40 għandha tipprevali kontra t-teżi tal-konvenut. Hu veru li ekwiparazzjoni tista' tammonta għal vendita forzuża (ara Duvergier, Dell'Incanto, nru. marg. 135, ċitat fis-sentenza Kollez. Vol. VIII, p. 322); imma f'dan il-każ hemm riflessi molteplići li

jissuperaw dik il-konsiderazzjoni. Infatti, l-ekwiparazzjoni, li ma dan kollu hi rikonoxxuta mil-liġi (art. 542 Kod. Ċiv.) kull meta l-ishma huma diżugwali u ma jistgħax jiġi komodament rimedjat xort'oħra, ta' £40 f'qasma ta' fond stmat £1000 ma tistgħax titqies "molto considerevole" (Kollez. VIII supra). jew "eżaġerata u sproporzjonata" (Kollez. XXXIII-II-217), jew "rilevanti" (XXXIII-I-329). Għandu jiġi notat illi l-kondivident li jippossjedi kwart biss tal-fond, ċjoè l-konvenut appellant, huwa propriju dak li jrid, anzi qiegħed jinsisti, li jkun hemm dik l-ekwiparazzjoni "pagabbli minnu stess", u kwindi jkun irrealistiku li porzjoni tiegħu ta' kwart stmata £250. L-attriċi ma tantx tista' tilmenta; mhux biss għaliex il-porzjoni tagħha hi ta' tliet kwarti, tal-valur ta' £750, u £40 huma qiesu parti minn dżatax biss ta' dak l-ammont (frazzjoni mhux oġġezzjonabbli, anki in konfront ta' dak li jista' jiġi deżunt mill-kriterju orjentattiv indikat f'materja anologa, fl-art.543 (3) u 545 Kod. Ċiv.), imma anki għaliex l-attriċi ma jidherx li kienet tant ansjuża li tieħu l-porzjoni tagħha in-natura; tant li hi talbet fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux id-diviżjoni, imma l-liċitazzjoni tal-fond li biha, ammenokkè ma kienx jirnexxilha tixtri hi stess il-fond fis-subasta — ħaġa problematika u riskjuża kienet tieħu fi flus il-porzjoni tagħha kollha kemm hi;

F'dawn il-kontiġenzi, din il-Qorti hi tal-opinjoni li hu aktar impellenti u ekwu li titħallas dik l-ekwiparazzjoni milli li l-konvenut jieħu porzjoni mhux abitabbli, ċjoè mhux tal-karattru li kellha l-ħaġa qabel id-diviżjoni, mentri kif ġa ġie osservat, u kif isostni t-Troplong ċitat fis-sentenza fil-Volum XXXIII supra, fl-indaġini dwar il-"modus divisionis" għandu jitqies l-istat tal-ħaġa "qabel" id-diviżjoni, ċjoè fl-epoka meta tiġi radikata t-talba għad-diviżjoni (loc. cit. p. 31);

Għalhekk hu ġust li jiġi adottat il-pjan tal-qasma suġġerit mill-perit Privitera fir-relazzjoni tiegħu fol. 10, kif elaborat u ntegrat mill-periti addizzjonali, kif sejjer jingħad fid-dispożittiv;

Kwantu għall-ispejjeż proċesswali, kienet l-attriċi li bil-kontestazzjoni tagħha pprovokat it-tieni perizja, li

kkonfermat il-pjan tal-ewwel perizja b'xi suġġerimenti addizzjonali li ma kienux però l-oġġett tal-kontestazzjoni tagħha, peress illi hija nsistiet biex dak il-pjan jiġi radikalment eskluż u sostitwit b'dak minnha kaldeġġjat; liema skop hi ma ottjenietx bit-tieni perizja. Hu ġust, għalhekk, li hija tbati l-ispejjeż minnha kaġunati;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċedi billi tilqa' l-appell talkonvenut, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li din ordnat l-assenjazzjoni in bażi għall-pjan suġġerit mill-attriċi, u tordna, inveċe, li din il-qasma per assenjazzjoni ssir skond il-pjan suġġerit mill-perit Privitera u kontenut fir-relazzjoni tiegħu fol. 10 et seq., u aktar partikularment taħt l-intestatura "Diviżjoni" fil-fol. 12 u 13; b'dan però illi max-xogħolijiet li għandhom u qiegħed jiġi ordnat li jsiru għat-tenur tar-relazzjoni "Privitera", taħt l-intestatura "Dettalji u Stima tal-Alterazzjonijiet Neċessarji għall-Qasma", fol. 14 u fol. 15, għandhom isiru, u qiegħed jiġi ordnat li jsiru, anki x-xogħolijiet li jinsabu msemmijin fir-relazzjoni tal-periti perizjuri fol. 55 tergo u fol. 56, f'dik il-parti li tibda bil-kliem "Il-proġett kontenut fir-relazzjoni . . . . ." u tispiċċa bil-kliem "li hija inevitabbli"; b'dan illi, kwantu għall-opramorta msemmija f'dik irrelazzjoni tal-periti addizzjonali, għanda tkun ta' sebgħa filati (fol. 85); u b'dan ukoll illi, relattivament għall-partita nru. 11 fil-fol. 15 tar-relazzjoni "Privitera", l-egħluq għandu jsir bis-singlu skond il-para. 3 tar-relazzjoni tattliet periti fol. 70 tergo, sabiex l-attriċi takkwista armarju, ammenokkè l-attriċi ma toptax li jsir bid-doblu (fol. 90 tergo), billi tgħarraf tempestivament il-perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħolijiet "uti infra". Il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi "una tantum" is-somma ta' £40 b'titolu ta' ekwiparazzjoni. Iċ-ċens għandu jkun ripartit kwantu għal 14s. fuq il-porzjoni tal-attriċi, u kwantu għal 3s. 8d fuq dik tal-konvenut. L-ispejjeż rikjesti għax-xogħolijiet fuq imsemmija għandhom jiġu sopportati kwantu għal tliet kwarti mill-attriċi u kwart mill-konvenut ħlief, però, l-ispejjeż tal-formazzjoni tal-bitħa u dawk tal-"ante-room" u l-kamrin tal-loki, li għandhom jiġu sopportati nteramenut mill-konvenut. L-ispejjeż tad-direzzjoni peritali (Perit Privitera) ta' dawk ix-xogħolijiet jitħallsu fl-istess mod tal-ispiża tax-xogħolijiet kif provvduta fuq;

L-ispejjeż proċesswali (ħlief dawk ġa provvduti bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1959 (fol. 39 et seq.), jitħallsu fil-proporzjoni tal-kompartecipazzjoni, ħlief dawk tal-perizja addizzjonali fol. 55, li għandhom jitħallsu mill-attriċi, kompriżi dawk tad-digriet fol. 67, tar-relazzjoni supplementari fol. 70, tar-rikors fol. 79, tad-digriet fol. 81, tad-drittijiet taxxabbli lill-periti għax-xhieda tagħhom fol. 85 tar-relazzjoni ulterjuri tagħhom fol. 90, tar-rikors tal-attriċi fol. 95, u tad-drittijiet taxxabbli lill-periti fol. 100. Fl-ispejjeż proċesswali jidħol l-att notarili, li l ispejjeż tiegħu jitħallsu wkoll fil-proporzjoni tal-kompartecipazzjoni;

Jibqa' nominat l-istess nutar u kuratur ġa nominati, u l-att għandu jsir fil-post u ħin ġa ndikat, iżda fil-jum 15 ta' Diċembru 1962;

Dawk il-partijiet tar-relazzjoni, tant tal-ewwel perit kemm tal-periti addizzjonali li ġew imsemmijin "supra" għandhom jiġu reġistrati in kalċe għal din is-sentenza, u għandhom jitqiesu bħala parti ntegrali minnha;

U b'dan il-mod il-Qorti pprovdiet fuq l-appell tal-konvenut.